XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA B'URGENZA NUMRU 10**
**6 ta' Novembru 2013 fil-6:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fil-6:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzata**

| | |
|---|---|
| Dr Monica Vella | Vici-Sindku |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgha Numri 8 u 9 ma kienux lesti u għalhekk ma setgħux jigu approvati.

2. **Ambaxxatur fil-Kunsill**

   Is-Sindku ssugerixxa li tintagħzel Kristy Sciberras li tkun ambaxxatrici tal-Vot 16 fil-lokalita' tax-Xewkija. Il-Kunsilliera prezenti kollha kienu favur.

3. **Jum ix-Xewkija 2013**

   Għal Attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija gie deciz li isir wirja ta' komponimenti jew kreattivita tat-tfal mit-tfal tax-Xewkija. Dawk kollha li jieħdu sehem jingħataw ktieb. Il-Kunsill ircieva l-kwotazzjonijiet u qabel li jigu stampati l-kotba ta' Dr. Ray Xerri u Paul Falzon mingħand il-BCD printing u jingħataw lit-tfal kollha tax-Xewkija li huma f'year 3 u 4. Għat-tfal ta' kinder 1 u 2 ser tingħata logħba edukattiva. Għal Premju gieh ix-Xewkija gie deciz li jingħata l-medalja bhal

dejjem u isir ukoll shield li tingħata lil persuna li tkun rebħiet l-premju għal sena. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir riceviment wara s-serata ta' Premju gieh ix-Xewkija bhal ma dejjem sar. Gie deciz ukoll li jintwera feature fuq ix-Xewkija waqt is-serata. Fl-attivita' Wild West gie deciz li tigi mistidna l-kantanta Marlene Chetcuti. Gie deciz ukoll li l-għaqda Drammatika u l-Għaqda ta' l-Armar jieħdu ħsieb l-istand ta' l-ikel u x-xorb. Il-Kunsill qabel li jkun hemm logħob għat-tfal marbut ma din l-attivita'. Is-Segretarja informat lil Kunsill li ser ikun hemm horse riding u t-train li kull minn jitla fuqhom iħallas hu. Il-Kunsill għazel ukoll l-orħos kwotazzjoni tal-monument tal-gwerra li gie deciz li isir ħdejn il-kapella tal-Ħniena.

## 4. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

George Zammit gibet l-attenzjoni li jħoss li l-Kont tal-Happy Homes għandu jitħallas peress li l-Vici Sindku ma gabetx lura l-affarijiet li qalet li kellhom ksur fuqhom. Hu kompla jgħid li dawn projeta tal-Kunsill u qatt ma kellhom ikunu għandha. Il-Kunsill qabel li għandu jitħallas.

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 5. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

### Mill-Korrispondenza

i. Draft agreement minghand l-iskola Primarja tax-Xewkija dwar l-uzu tal-premises ghal-korsijiet ta' l-isports u fitness. Il-Kunsill qabel li jigi mgħoddi lil avukata tal-Kunsill qabel jigi iffirmat.

ii. Cirk 67/2013 dwar laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Ghawdex.

iii. Memo 25/2013 dwar Skema Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014. Il-Kunsill iddecieda li japplika għal gurnata waħda biss il-Karnival, Il-Hadd 2 ta' Marzu 2014 matul il-gurnata. Rigward il-Fiori d'Argenta gie deciz li issir fuq jumejn s-Sibt u l-Hadd 14,15 ta' Gunju. Is-Segretarja ser timla l-applikazzjonijiet.

iv. E mail mingħand Joseph Vella dwar sistema gdida għal permessi tal-Krejn online. Il-Kunsill ma qabilx li tigi installata din is-sistema.

v. E mail mingħand Charles Mifsud dwar ktieb Ghanjiet il-Qalb. Il-Kunsill iddecieda li jixtri tnejn.

vi. Ittra mingħand il-Ministeru għat-trasport u l-infrastruttura dwar installazzjoni ta' single-point charging pillar li ser teħel fi Pjazza San Gwann Battista. Il-Kunsill tagħlab lis-Segretarja biex titlobhom site plan ta' fejn ser teħel ezatt.

vii. Kont mingħand CMU rigward xogħolijiet li saru fi Triq il-Qronfol, Vjal il-Labour, Triq in-Narcis u Triq il-Hamrija li jammonta 4,170.65euro. Il-Kont ma jinkludix ħaddiema peress li intuzaw il-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

viii. E mail mingħand Agenzija Zghazagh dwar Kunsilli Lokali taz-Zgħazagħ.

ix. PQ4907 dwar liema Kunsilli Lokali bdew jagħmlu live streaming tal-laqgħat tal-Kunsill.

x. Memo24/2013 dwar bank deposit slips.

xi. Memo 23/2013 dwar LEAP – Building the future together promoting social mobility.

xii. E mail mingħand LCA dwar konferenza fuq l-uzu tal-energija alternattiva gewwa l-gzejjer Maltin bis-sehem attiv tal-Kunsilli Lokali.

xiii. Ittra mingħand is-Segretarju Generali tas-Socjeta Filarmonika Prekursur dwar li accettaw l-istedina ghas-Serata ta' Premju Gieħ ix-Xewkija.

xiv. Ittra ta' No objection minghand KNPD dwar PA01343/12-Extension to rural structure covered by PA 02682/05 and change of use to interpretation centre fi Gnien ta' Blankas.

xv. Ittra mingħand Moviment Kerygma dwar Premju Zaghzugh tas-sena 2013.

xvi. Ittra mingħand is-Surmast dwar għajnuna f'investiment għat-tfal li jattendu l-iskola Primarja tax-Xewkija. Il-Kunsill iddecieda li f'Jum ix-Xewkija terggħa tingħata l-ammont ta' 500euro biex jinxtraw kotba u jinxtraw affarjiet oħrajn edukattivi għat-tfal li jattendi l-iskola Primarja tax-Xewkija.

xvii. Ittra mingħand Gozo NGO Association dwar 'International Voluntary Day'. Huma talbu lil Kunsill biex dawn l-attivitajiet isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fuq dan.

## 6. <u>Affarijiet Ohra</u>

i. Il-Kunsill iddecieda li jintagħzlu mill-kwotazzjonijiet il-Kumpanija JGC għal bandli. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni peress li qamet mistoqsija fl-aħħar laqgħa dwar safety li dawn għandhom the European Play Ground Safety Standard (EN1176) u European Impact Absorbing Surfaces Standard (EN1177). Il-Kunsill iddecieda li jinxtraw zewg flat swing seats u zewg cradle swing seats għall-Playing Field fl-area tal-Barmil. Għall-Playing Field fi Triq il-Hamrija gie deciz li jinxtraw zewg flat swing seats u waħda disabled swing.

   Rigward il-kwotazzjonijiet ta' bankijiet il-Kunsill iddecieda li jixtri hames bankijiet mingħand il-Kumpanija Forestals.

ii. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li l-kuntratt tat-Tindif tal-Latrina fi Triq il-Hamrija, Kuntratt tal-Knis u tal-Kostruzzjoni tal-Latrina fi Pjazza San

XEWKIJA

Gwann Battista waslu biex jerggħu jigu imgedda.  Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jergghu jigu imgedda.

iii. Is-Sindku għamel mozzjoni li il-Kuntrattur tal-Latrina fi Pjazza San Gwann Battista m'għandu jeħel l-ebda penali rigward dewmien.  Hu kompla jgħid li kien hemm diversi ragunijiet li ma kellux kontrol fuqhom il-Kuntrattur, fosthom il-problema tad-dranagg li l-Kunsill kellu jistenna xhur l-LA toħrog.  Għalhekk is-Sindku tagħlab li l-Kuntrattur jerggha ikollu l-Kuntratt imgedded b'sitt xhur oħra. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera prezenti humiex favur.  George Zammit isekonda l-mozzjoni u l-oħrajn prezenti kienu favur. Rigward il-mobile toilets il-Kunsill qabel li għandhom jinħargu kwotazzjonijiet.

iv. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li t-trasport għall-anzjani għal quddies tal-Ħadd qed jigi uzat minn ftit anzjani l-ammont jkun ta' ħamsa jew anqas anzjani.  Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jitwaqqaf.

7. **<u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa giet aggornata fil-21:00 p.m.

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Eżekuttiv

Paul Azzopardi
Sindku